MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 12/2010

**Antoinette Vella**

**vs**

**CareMalta Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta’ Frar, 2010, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **“**Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta’ Dikjarazzjoni tar-rikorrent Antoinette Vella pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-28 ta' Novembru 2005, u ffirmata minn Dott. Charmaine Cherrett. Meta beda s-smigh tal-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali, ir-rikorrent kienet assistita minn Dott. Charmaine Cherrett u ghas-Socjeta intimata deher Ing. Alex Tranter, li kien assistitt

mis-Sur Joseph Farrugia u minn Dott. Charlotte Camilleri.

Fl-isqtarrija taghha r-rikorrent tghid, li kienet ilha impjegata ma’ CareMalta Limited bhala manager f’Zejtun Home ghal madwar hdax-il sena, f’liema perjodu hija dejjem qdiet dmira bl-ahjar lejalta possibli u b'impenn shih.

Hija tkompli tghid fl-istqarrija tal-kaz taghha, li l-kariga li hija kienet tokkupa mal-Kumpanija kienet tezigi responsabilita, l-attenzjoni u dedikazzjoni massima da parti taghha versu l-Kumpanija, l-impjegati u l-anzjani residenti li jinsabu f’Zejtun Home. Fl-istqarrija taghha r-rikorrent tghid ukoll, li fis-sena 2003, ic-Chairman tal-Kumpanija is-Sur Nazzareno Vassallo kien irrikonoxxa d-dedikazzjoni u l-impenn taghha fix-xoghol li kienet qed taghmel fiz-Zejtun Home. Hija tghid ukoll, li sa mill-bidu ta' l-impieg taghha mal-Kumpanija, hija minn dejjem gawdiet stima u rispett mill-impjegati u l-membri tal-management kollha tal-Kumpanija u dan minhabba l-impenn u d-dedikazzjoni shiha li hija kellha fix-xoghol taghha.

L-appellanta tkompli tghid fl-istaqrrija tal-kaz taghha, li fid-29 ta’ Awissu 2005, hija kienet dahlet ghax-xoghol wara ghaxart ijiem leave u dakinhar giet infurmata mic-Chief Executive Officer li ried ikellimha. Fil-fatt kien dak inhar stess wara nofs inhar, li c-Chief Executive Officer flimkien mar-Research Manager Charmaine Attard mar fuq il-post tax-xoghol biex jiltaqa' maghha.

Hija tkompli tghid, li f’din il-laqgha c-Chief Executive Officer kien staqsieha specifikament jekk hija f’xi okkazjonijiet kienitx ircivietx xi rigali minghand xi residenti, u staqsieha wkoll jekk kienitx qatt bieghet xi apparat li jinsab fuq il-post tax-xoghol. Ir-rikorrent tghid fl-istqarrija tal-Kaz taghha, li hi kienet cahdet kategorikament ghal dawn l-allegazzjonijiet. Ir-rikorrent tkompli tghid fl-

istqarrija taghha, li ghalkemm ic-Chief Executive Officer kien qallha li ghandu evidenza konklussiva li hija kienet accettat xi rigali minghand xi residenti, huwa qatt ma gab din l-evidenza ghall-attenzjoni taghha.

Ir-rikorrent tkompli tghid fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li fid-29 ta' Awissu 2005, hija giet infurmata mill-Kumpanija li kienet qed tigi sospiza mill-impieg b'full pay u konsegwentament kien waslilha messagg sabiex il-Gimgha 2 ta' Settembru 2005, hija tmur il-Head Office tal-Kumpanija sabiex tiltaqa’ mac-Chief Executive Officer. Hija tghid ukoll, li kien dak inhar li giet moghtija ittra fejn giet infurmata li l-impieg taghha kien qieghed jigi tterminat.

L-appellant ittemm l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li qatt ma ngabu provi sufficjenti sabiex l-impieg taghha jigi tterminat u l-Kumpanija kienet ghagglet fid-decizjoni taghha li tittermina l-impieg taghha u agixxiet b'mod irresponsabbli minghajr ma wriet rieda tajba. Ghaldaqstant, hija titlob lit-Tribunal Industrijali sabiex jillikwida kumpens xieraq u adegwat favur taghha.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li r-rikorrent matul l-impieg taghha kellha diversi twissijiet dwar l-imgieba u l-performance taghha u ghalhekk il-management ta' Care Malta kellu provi u ragunijiet sufficjenti sabiex jasal ghall-konluzjoni li r-rikorrent ma kienitx qeghda tahdem fl-interess tal-Kumpanija u li bl-agir u l-azzjonijiet taghha kienet qeghda twassal sabiex twaqqa r-reputazzjoni tal-Kumpanija mar-residenti u mal-impjegati taghha. Il-Kumpanija ttemm l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent kienet ghar-raguni gusta.

Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kienet ilha impjegata ma’ Care Malta Limited mill-1 ta' Marzu 1994, fil-grad ta' Manager fiz-Zejtun Home u matul

il-hajja ta' l-impieg taghha, kien hemm okkazjoni fejn gie rikonoxxut is-sehem taghha mic-Chairman tal-Kumpanija ghax-xoghol li kienet wetqet meta kien qed isir xoghol fid-dar taz-Zejtun. Quddiem it-Tribunal Industrijali tressqu wkoll dokumenti, li matul iz-zmien li r-rikorrent kienet ilha mpjegata mas-Socjeta, kien hemm diversi okkazjonijiet fejn hija giet imwissija bil-miktub ghan-nuqqasijiet li hija kellha fuq il-post tax-xoghol fosthom; li wara laqgha li kellha mac-Chief Executive Officer kienet inhargetilha ittra datata 1 ta’ Gunju 2005, fejn kienet ngibdietilha l-attenzjoni, li ma kienx korrett meta f’sezzjoni ta’ tahrig li kienet organizzat il-Kumpanija ghall-membri tal-management bit-tema ta’ role change, fejn membri tal-management jinghataw doveri ta’ gradi anqas minnhom hija involviet maghha impjegata ohra li ma kelliex tiehu sehem f’din l-attivita ta’ tahrig ghar-raguni, li dan it-tahrig kien esklussivament ghall-membri tal-management. Fl-istess ittra l-management gibdilha l-attenzjoni wkoll, li ma kienitx l-policy tal-Kumpanija li minflok li jigi mhallas l-overtime, jigi moghti time in lieu lill-haddiema. Ingibdet ukoll l-attenzjoni taghha, li waqt interviews ghall-ingagg ta’ haddiema part-time, hija kienet qed tikkwotalhom rata oghla minn dik li effetivament kienet qed thallas il-Kumpanija. Ingibdet ukoll l-attenzjoni tar-rikorrent, li kienet qed tibghat tard l-ETC forms ta’ impjegati godda u dan kien qed jikkawza dewmien fil-hlasijiet ta’ haddiema godda. Fl-istess korrispondenza ngibdet ukoll l-attenzjoni tar-rikorrent, li ma kienx permess li haddiema li jkunu off duty jithallew jmorru fuq il-premises tal-Kumpanija, l-ittra tghid ukoll li kien imur kontra l-policy tal-Kumpanija li jinxtara materjal minghand suppliers li ma jkunx approvati mill-Kumpanija u li impjegati godda kellhom jaghmlu depozitu fuq hrug ta’ unformi li tigi moghtija lillhom ma’ l-ingagg ta’ l-impieg taghhom.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li mix-xiehda tas-Sinjura Taljana xehdet li kienet ghamlet ghotja ta’ LM100

lir-rikorrent biex ommha giet trasferita minn St. Catherine’s Home ghal Home taz-Zejtun. Mill-prova jirrizulta wkoll, li kien hemm minn xtara oggetti bhal slings u cot sides minghand ir-rikkorrent u giet ukoll ipprezentata ircevuta li kienet datata 26 ta’ Jannar 2005 u liema ircevuta kienet iffirmata mir-rikorrent li irceviet LM 60 minghand minn xtara dawn l-oggetti. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrent kienet irceviet gizirana bhala rigal u f’ezercizzju ta’ tahrig li kien organizzat mill-Kumpanija ghall-membri tal-management kienet involviet membru ohra ta’ l-istaff li ma kellix tiehu sehem f’dan it-tahrig.

Ghall-akkuzi msemmija hawn fuq ir-rikorrent tghid, li hija ma irceviet l-ebda ghotja fil-kaz imsemmi, kif ukoll li qatt ma ghamlet negozju dwar oggetti msemmija hawn fuq izda, li gieli ghamlet kienet tlaqqgha lill-bejjiegh u x-xerrej biex jirrangaw bejniethom. Hija tghid ukoll, li qatt ma rceviet rigali ghajr f’kaz izolat minghand wahda mill-haddiema. Matul ix-xhieda, ir-rikorrent tghid ukoll li kien f’okkazjoni rari li ma bghatitx l-ETC forms fil-hin u dan kien dovut ghan-nuqqas ta’ assistenza amministrattiva li kellha fil-Home. Hija tghid ukoll li dwar l-ghoti ta’ time in lieu kien kaz ta’ eccezzjoni ma’ haddiema wahda peress li din kienet qed tirrifjuta li tinghata kumpens monetarju ghall-hinijiet izjed li tahdem minn dawk il-hinijiet normali taghha.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li fil-laqgha li kienet saret fid-29 ta’ Awissu, 2005 bejn ir-rikorrent u c-Chief Executive Officer, ir-rikorrent giet mistoqsija specifikament jekk qatx irceviet xi rigali minghand residenti jew qattx bieghat xi apparat fuq il-post tax-xoghol liema akkuzi hija nnegat. Mill-provi jirrizulta wkoll li t-terminazzjoni ta’ l-impieg taghha sehh b’effett mill-1 ta’ Settembru 2005, fejn fl-ittra tat-terminazzjoni ta’ l-impieg hija giet infurmata, li ir-ragunijet tat-terminazzjoni ta’ l-impieg kienu ghar-raguni li hija kienet accettat rigali u dan kien

> bi ksur tal-kuntratt ta’ l-impieg taghha u flimkien ma’ nuqqasijiet ohra li diga ngibdu ghall-attenzjoni taghha li kienu jimmeritaw terminazzjoni ta’ l-impieg.
>
> Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, sema’ u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumeneti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottmissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal citati hawn fuq isib, li r-rikorrrent kellha nuqqasijiet li kienu jimmeritaw terminazzjoni ta’ l-impieg. Madankollu, it-Tribunal Industrijali jinnota li meta gie deciz li jigi tterminat l-impieg taghha fil-laqgha li kellha tad-29 ta’ Awissu mac-Chief Executive Officer, l-akkuzi li saru fil-konfront taghha dak inhar u l-ittra tat-terminazzjoni ta’ l-impieg kienu akkuzi generici u mhux specifici u ghaldaqstant l-appellant ma kienitx f’qaghda li tiddefendi l-kaz taghha kif jixraq. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jsib li l-procedura addottata ghat-tkeccija kienet bi ksur ta' principju tal-gustizzja naturali u ghalhekk hemm lok li r-rikorrent tinghata rimedju kompensattiv. Dan l-ammont qieghed jigi stabilit fl-ammont ta' elf u hames mitt Euro, liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta intimata lir-rikorrent fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro.
>
> B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.”

Ir-rikorrenti Antoinette Vella tikkwerela din is-sentenza tat-Tribunal Industrijali bl-aggravji f’dawn it-termini:-

1. Il-parti dispositiva tas-sentenza tikkontjeni konsiderazzjoniijet kuntradittorji. Dan ghaliex mentri taghti raguni lill-kumpanija intimata ghall-fatt tat-tkeccija, fl-istess

waqt taghti raguni wkoll lilha in kwantu l-kumpanija ma qeghdithiex f'qaghda li tiddefendi l-kaz taghha kif jixraq;

2. It-Tribunal accetta xhieda *hearsay* minflok ma ordna li jittellghu x-xhieda li setghu jitfghu dawl fuq l-akkuzi;

Huwa bil-wisq car illi l-appellanti qeghda tikkontesta l-parti decizorja tas-sentenza ghal motiv li din fiha nnifisha tikkontjeni kontradizzjoni b'mod li dan jirrendi l-istess sentenza intrinsikament inidoneja. M'hemmx dubju illi fl-ipotesi ta' kuntrast, fejn dan jezisti, mhuwiex apprezzevolment possibbli li wiehed jindividwa sewwa liema wahda mill-affermazzjonijiet kontenuti fid-dispositiv tas-sentenza ghandu jkollha prevalenza. Dan huwa hekk in kwantu l-vizzju tal-kontraddizzjoni jippresupponi illi r-ragunijiet imqeghda ghab-bazi tad-decizjoni huma sostanzjalment kontrastanti b'mod li minnhom ma jkunx jista' jigi determinat bi kjarezza r-*ratio decidendi*;

Gja din il-Qorti kellha okkazjoni tikkummenta illi "sentenza tista' wkoll titqies difettuza jekk jinstab li din tkun tikkontjeni motivazzjoni kontradittorja, inkoerenti u illogika b'tali mod li jkun jonqos dak il-procediment logiku-guridiku mqieghed ghab-bazi tad-decizjoni. Ara in tema s-sentenza "**Rose Loftus et –vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co, Ltd)**", Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 1999. Aghar minn hekk hi s-sitwazzjoni fejn il-kontradittorjeta tkun tinsab fil-parti deciziva tas-sentenza. Dan ghaliex hi dik il-parti operativa tas-sentenza li taghmel il-gudikat (ara **Kollez. Vol. XLII P I p 287**), u dan jinnecessita li almenu din il-parti tkun intelligibbli. Huwa allura l-kompitu ta' din il-Qorti li tikkontrolla jekk l-argoment zvolt mit-Tribunal huwiex konformi ghall-kriterju tal-korrettezza guridika u tal-koerenza logika". Ara "**Middlesea Insurance plc -vs- Paul Caruana *et***", Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007;

Hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti fuq l-interpretazzjoni taghha tad-dispositiv tas-sentenza f'dan il-kaz illi dan

tabilhaqq jikkontjeni dik il-kontradittorjeta lamentata mill-appellanti. Dan, partikolarment ghar-raguni illi, konsiderat fl-assjem tieghu, tezisti deficjenza objettiva tal-kriterju logiku li wassal lit-Tribunal ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu, u, allura wkoll, ghar-*ratio* tas-sentenza. Almenu ghal din il-Qorti mhux koncepibbli illi t-Tribunal isib raguni fil-kumpanija mharrka ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg u, kontemporanjament, nuqqas gravi fl-istess kumpanija in vista ta’ l-akkuzi generici konfrontati lill-appellanti li ma ppermettewliex fl-istadju pre-processwali tiddefendi ruhha kif jixraq, u dan bi ksur tal-principju ta’ gustizzja naturali. Fil-fehma tal-Qorti kien jaghmel aktar sens illi, verifikata din il-qaghda, it-Tribunal kien messu hassar l-ordni tal-licenzjament biex jikkonsentixxi illi l-appellanti tigi qabel kollox akkordata t-tutela pjena tal-jeddijiet fundamentali bazici taghha. Fuq dan il-punt l-Imhallef sedenti kien issoferma fit-tul fid-decizjoni “**Austin Gonzi -vs- Malta Drydocks Corporation**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 27 ta’ Ottubru, 2004, tant li l-enuncjazzjonijiet li saru fiha sabu, sa recentement hafna, l-adezjoni tal-Qorti ta’ l-Appell kolleggjali in re: “**Raymond Zammit -vs- General Workers Union *et***”, 8 ta’ Jannar, 2010;

Dan ma kienx lanqas xi kaz izolat ghaliex din il-Qorti, kif presjeduta, irriteniet fi skorta ta’ decizjonijiet taghha fuq appelli lilha minn sentenzi tat-Tribunal Industrijali illi l-addebitu dixxiplinarju li bih jkun konfrontat impjegat ghandu jikkontjeni b’mod specifiku u car l-imputazzjoni tal-fatt li bih ikun qed jigi akkuzat. Ragonevolment dan ghandu jkun hekk biex dak l-impjegat ikollu l-opprtunita shiha li jkun jista’ jiddefendi u jiddiskolpa ruhu kontra l-addebitu ta’ l-infrazzjoni attribwita lilu. “Jekk xejn, ghaliex il-principju maghruf tal-korrettezza u tal-bwona fede dan jesigih; konsiderat imbaghad li trattasi minn licenzjament din l-esigenza f’sede extra-gudizzjali hi aktar imperattiva fuq min ihaddem”. Ara “**Joan Montanaro -vs- Baystreet Hotel Complex *et***”, 13 ta’ Marzu, 2009. Ara wkoll “**Brian Busuttil -vs- ST Microelectronics (Malta) Ltd**”, 27 ta’ Marzu, 2009;

Il-konkluzjoni li tinzel minn dan dedott ma tistax hlief tkun dik illi gjaladarba, kif mill-istess Tribunal ikkonfermat, l-appellanti ma nghatatx akkuza preciza biex setghet titqieghed in grad li tiddefendi ruhha kif imiss, u gjaladabra wkoll, kif wisq korrettement rilevat ukoll mit-Tribunal, tali kien jikkostitwixxi ksur tal-principju tal-kontradittorju u tas-smigh xieraq, il-konsegwenza dispositiva l-izjed naturali u logika kellha tkun dik li dan kien jikkostitwixxi "*unfairness*" ma' l-appellanti li ma setax jigi injorat, u, anzi kellu jigi mhares u attwat skond il-principju tal-legalita` u tal-kuntratt ta' impjieg. Ara f'sens konformi s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Carmel Schembri -vs- Enemalta Corporation**", 1 ta' Novembru, 2006;

Jikkonsegwi illi l-gustizzja u l-principji su-affermati kellhom jiddettaw illi qabel ma t-Tribunal jghaddi ghall-analisi tal-mertu tal-licenzjament jassikura, fuq l-accertament minnu stess ravvizat, illi qabel xejn l-appellanti tigi mqeghda fl-istat *ante quo* d-decizjoni mill-kumpanija tat-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha b'mod li tkun tista' tigi rinfaccjata kif imiss bl-akkuza specifika ta' l-inadempiment taghha ghall-ahjar kontestazzjoni preventiva da parti taghha u tad-difiza kompleta;

Taht dan il-profil il-Qorti tikkonkorda pjenament ma' l-appellanti illi l-parti dispositiva tikkontjeni kontradittorjeta insanabbli u dan igib li s-sentenza ghandha titwarrab u sostitwita bil-provvediment infraskritt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed takkolji l-ewwel gravam ta' l-appellanti, tannulla s-sentenza appellata, u tordna li l-istess appellanti ghandha titqieghed fl-istat *ante quo* il-licenzjament taghha b'mod li jkunu tutelati kif jixraq id-drittijiet taghha fil-konfront ta' l-infrazzjonijiet addebitati lilha mill-kumpanija appellata. Fic-cirkostanzi huwa xieraq li l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------